# L-ANTENATI GUDJANI TA' CARLO DIACONO

- **Il-Familja Mangion ħarġet mill-Gudja**
- **Għaqda bejn il-Familji Diacono u Mangion**
- **Twelid ta' Orazio Diacono Mangion, missier Carlo**
- **Kif isem Orazio baqa' jintiret fil-Familja Diacono**

Żgur li s-Surmast Carlo Diacono kien wieħed mill-aqwa mużiċisti Maltin u dwaru nkitbu kotba sħaħ. Għalhekk mhix intenzjoni tiegħi hawn li nżid ma' dak li nkiteb dwar ħajtu. Biżżejjed għalina ngħidu li studja l-mużika taħt il-magħruf Paolino Vassallo ta' Bormla; sar ***maestro di cappella*** ta' diversi parroċċi Maltin, kif ukoll tal-katidrali ta' l-Imdina u l-Belt Valletta; ikkompona numru kbir ta' antifoni li għadhom sal-lum jindaqqu fil-festi parrokkjali; hu l-awtur tal-mużika ta' bosta quddies festivi, kif ukoll funebri; u tiegħu hi l-opra mużikali *L-Alpino*. Ħafna jafu li twieled fiż-Żejtun nhar it-2 t'Awissu, 1876. Iżda kemm hawn min jaf li kemm missieru, kif ukoll ibnu, kien jisimhom Orazio? Aktar u aktar, **kemm hawn min jaf li dan l-isem Orazio, tant prominenti fil-Familja Diacono, kien ħareġ mill-Gudja?** Naraw kif.

### Iż-Żwieġ fil-Gudja ta' Orazio Mangion

Nhar is-17 ta' Ġunju 1747, iżżewġu fil-parroċċa tal-Gudja, Joannes Cachia, iben Antonio u Maria, u Theodora Abdilla, bint Joanne u Maria. It-titlu ta' *Maestro* (mgħallem) quddiem isem missier l-għarusa hu diġa' indikazzjoni li l-familja Gudjana Abdilla kienet tgawdi ċertu rispett fil-parroċċa tagħha. Barra minn hekk, din Theodora kellha ħuha saċerdot, Don Pasquale Abdilla, li ċċelebra ż-żwieġ tagħhom. Nimxu ftit 'il quddiem fis-snin. Din il-koppja Gudjana kellhom, fost ulied oħra, lil Maria Anna, li twieldet fl-1751. Meta għalqet 27 sena Maria Anna Cachia żżewġet fil-Gudja wkoll, lill-**Kjeriku Orazio Mangion** ta' 40 sena, iben Ġużeppi u Valentia. Id-data taż-żwieġ kienet it-28 t'Awissu 1778, u din id-darba żewwiġhom Dun Nikol Mangion, ħu l-għarus.

### Privileġġi u Dmirijiet tal-Kjeriċi Miżżewġa

F'dan iż-żwieġ nosservaw żewġ ħwejjeġ. L-ewwelnett li barra z-ziju ta' l-għarusa, ħu l-għarus ukoll kien saċerdot. It-tieni, u din l-informazzjoni għandha forsi aktar importanza, li **l-għarus innifsu kien kjeriku.** Qegħdin mela nittrattaw żewġ familji li kellhom ċerta stima fil-parroċċa tal-Gudja. Forsi jkun hawn min jistaqsi xi tfisser li dan kjeriku jiżżewweġ? Dawn il-kjeriċi miżżewġa, li minnhom kont issib f'kull parroċċa ta' Malta, kienu jgawdu ċertu rispett u ċerta dinjita' (li sfortunatament mhux dejjem kienet tixirqilhom) fil-parroċċi tagħhom.



*Carlo Diacono*
*1875–1942*

Kienet drawwa tal-Maltin ta' ċerta klassi, fosthom il-ħafna nobbli li kien hawn u li l-Ordni tal-Kavallieri żammithom 'il bogħod minnha, li jfittxu karriera mal-Knisja jew ma' l-Inkiżizzjoni. Allura dak iż-żmien kienet użanza komuni li ċerti żgħażagħ subien jirċievu t-Tonsura Kjerikali u l-Ordnijiet Minuri, mingħajr ma jkomplu biex isiru qassisin. Ħafna minnhom, bħalma għamel Orazio Mangion, kienu jiżżewġu u jiffurmaw familja. Kienu allura jissejħu kjeriċi miżżewġa, biex jiddistingwuhom mill-kjeriċi li jkunu fit-triq għas-saċerdozju. Dawn il-kjeriċi miżżewġa kienu jieħdu l-istat kjerikali biex jibdew jiddependu direttament mill-Isqof jew mill-Inkiżitur u mhux aktar mill-Gran Mastru. Dan kienu jagħmluh bl-iskop li l-awtorità ċivili ma jkollha ebda setgħa fuqhom. Per eżempju, kienu jkunu eżenti milli jħallsu t-taxxi; ma kienux joqogħdu għassa fuq ix-xtut għall-għadu Tork; f'każ ta' xi ksur tal-liġi, kienu jidhru quddiem il-Qorti ta' l-Isqof, u mhux tal-Gran Mastru; saħansitra kienu wkoll jixtru l-qamħ bi prezz orħos minn ħaddieħor! Hu ċar li sitwazzjoni inġusta bħal din kienet il-kawża ta' ħafna inkwiet bejn l-awtoritajiet ċivili u dawk ekklezjastiċi.

Meta l-Isqof kien jagħmel il-viżta pastorali fil-parroċċa, dawn il-kjeriċi miżżewġa kienu jidhru quddiemu individwalment, wara s-saċerdoti u l-kjeriċi l-oħra u kien mistenni minnhom li jippreżentawlu ċ-ċertifikati tat-Tonsura u l-Ordnijiet li jkunu rċevew. Kellhom naturalment ċerti obbligi

wkoll, fosthom li jagħtu servizz reliġjuż fil-knejjes parrokkjali tagħhom, aktar mil-lajċi. Hekk kellhom id-dmir li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet u f'xi akkumpanjamenti oħrajn. Fuq kollox l-Isqof kien ġustament jistenna minnhom li jkunu Nsara eżemplari fil-parroċċi tagħhom. Iżda sfortunatament dan mhux dejjem kien il-każ, u l-imġiba ta' xi wħud minnhom kienet titfa' dell ikrah fuq l-istat kjerikali b'mod ġenerali.

**It-Twelid ta' Catharina Mangion**

Inkomplu issa bl-istorja tal-kjeriku miżżewweġ Orazio Mangion, li ftit wara li żżewweġ lil Maria Anna Cachia fil-Gudja, mar joqgħod f'Ħal Għaxaq, fejn twelidlu Joannes, b'Dun Mikiel Mangion jagħmilha ta' parrinu. Fl-1780 tweldITilhom tifla li semmewha Theodora, għal omm ommha, iżda t-tieni isem li tawha kien Valentia, għal omm missierha. Il-parrina kienet zijitha, Katarina Mangion, oħt missierha. Wara Theodora, kellhom tfal oħra, fosthom Valentia, Catharina, Giovanni u Salvatore (1). Għal xi raġuni jew oħra, Orazio Mangion u martu Maria Anna rritornaw mill-ġdid lejn il-Gudja, fejn fis-16 t'Awissu 1791, tweldITilhom tifla oħra li semmew Catharina. **Minn din it-tifla Gudjana, Catharina Mangion, hu mnissel direttament il-famuż Carlo Diacono.** Kien Dun Ġużepp Camilleri li għammed liċ-ċkejkna Catharina, li ngħatat ukoll l-ismijiet ta' Imperia u Margarita. Il-parrinu kien Salvatore Cachia minn Ħal Għaxaq (2). Mill-ġdid naraw rabta intima bejn dawn iż-żewġ parroċċi ddedikati lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Imbierka. Dun Nikol Mangion, iz-ziju taċ-ċkejkna Catharina Mangion, miet f'Ħal Għaxaq nhar il-15 ta' Mejju 1796, fl-għomor ta' 62 sena. Kien erba' snin akbar minn ħuh Orazio, li kien twieled fl-1738.

**In-Negozju tal-Qoton**

Inħallu ftit il-parroċċi tal-Gudja u ta' Ħal Għaxaq u mmorru fiż-Żejtun, fejn fil-bidu tas-seklu 19 kien joqgħod is-Sur Gio Batta Diacono, negozjant kbir tal-qoton, miżżewweġ lil Francesca, imwielda Busuttil, min-Nadur, Għawdex. Probabbilment li Gio Batta Diacono mar joqgħod fiż-Żejtun minħabba l-iskuna għall-ġarr tal-qoton, li aktarx kienet tidħol fid-Daħla ta' Marsaxlokk, viċin iż-Żejtun. Il-Familja Diacono kienet imlaqqma **"Tad-Dispaċċ"** (*Despatch*), għax dan kien l-isem ta' l-iskuna li kellhom. Wara li tweldulha numru sew ta' tfal, Francesca Diacono mietet fiż-Żejtun fl-għomor ta' 35 sena, fis-sena 1811 u ħalliet l-isfortunat żewġha, Gio Batta Diacono, li kien imħabbat ħafna bin-negozju tal-qoton li kien jesporta barra minn Malta, jara x'jagħmel b'dawk it-tfal kollha għadhom jitrabbew! Sadattant mid-dar li kellu qabel f'Ħal Bisbut (parti miż-Żejtun), hu kien mar joqgħod mal-familja fil-post fejn illum hemm il-Banda Beland. Fis-sala kbira tal-*billiard*, għadna sal-lum naraw l-inizjali kbar ta' ismijiet Gio Batta Diacono u Francesca Busuttil impittra fis-soffitt sabiħ.

**Iż-Żwieġ ta' Gio Batta Diacono u Catharina Mangion**

Gio Batta fittex sieħba oħra biex tgħinu fit-trobbija ta' wliedu minn Francesca ... u tkompli żżidlu magħhom! U mn'Alla, għax kieku m'għamlitx hekk, Carlo Diacono ma kienx jitwieled. Għajnejn Gio Batta waqgħu fuq il-Gudjana **Catharina Mangion** li meta mietet Francesca Diacono, kienet fl-isbaħ taż-żgħożija tagħha: kellha biss 20 sena, filwaqt li Gio Batta kellu 40. Sadattant Catharina Mangion kienet marret mill-ġdid f'Ħal Għaxaq, fejn iżżewġet lil Gio Batta nhar l-20 ta' Jannar 1812 (3). Fit-28 ta' Jannar 1815, miet f'Ħal Għaxaq il-kjeriku Orazio Mangion, fl-età ta' 77 sena, u fit-18 t'Ottubru 1818 mietet martu Maria Anna fl-għomor ta' 67 sena.



***Arkivju Parrokkjali Żejtun. Lib. Bapt. XX f.66v. Reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Gio. Batta Diacono, iben Horatio, nhar il-15 ta' Settembru, 1874.***

**It-Twelid ta' Orazio Diacono**

Sadattant Gio Batta Diacono kien ħa lil martu Catharina, imwielda Mangion, fiż-Żejtun, fejn isem il-Gudjan Orazio baqa' jintiret fil-familja Diacono. Naraw kif fl-1813, Catharina welldet liċ-ċkejkna Francesca li, ovvjament, ingħatat l-isem għall-ewwel mara ta' Gio Batta. Iżda Catharina ma nsietx lill-mejjet missierha Orazio. Wara t-twelid ta' xi tfal oħra, fl-20 ta' Novembru 1826, kellha tifel li din id-darba **semmiet Orazio** (4). Kellu jkun il-missier tal-famuż Carlo Diacono! Gio Batta mhux negozjant tal-qoton biss kien; kellu wkoll imħabba kbira għall-mużika. Kien hu li ġab il-mużiċist Taljan Mro. Michelino Deferraris fiż-Żejtun, fejn fl-1832 kienet diġà teżisti orkestra (5) taħt ir-responsabbiltà ta' Gio Batta Diacono. Għaddew is-snin u bil-ħidma ta' Mro. Michelino Deferraris, din l-orkestra nbidlet f'banda fl-1860 taħt id-direzzjoni ta' Mro. Orazio Diacono, bin Gio Batta u Catharina. Kien il-bidu tal-banda li minnha żviluppat il-Banda Beland fiż-Żejtun.



***Arkivju Parrokkjali Żejtun. Lib. Bapt. XV f. 74. Reġistrazzjoni tal-Magħmudija fiż-Żejtun ta' Horatio Diacono, missier Carlo. Katarina semmiet lil binha hekk għal missierha li ħareġ mill-Gudja.***



***Arkivju Parrokkjali Żejtun. Lib. Matr. XV f. 116. Reġistrazzjoni taż-żwieġ ta' Horatio Diacono u Franc. Saveria Darmanin nhar l-24 ta' Ġunju, 1773.***

**Orazio jiżżewweġ lil Francesca Saveria, bint Carolina**

Gio Batta miet fiż-Żejtun nhar it-8 ta' Diċembru 1849, fl-għomor ta' 78 sena (6). Fl-1860, Orazio Diacono kien għadu ġuvni, għax iżżewweġ kbir fl-età. Fil-fatt hu diġa' kellu 47 sena meta żżewweġ lis-Sinjura Francesca Saveria Darmanin fiż-Żejtun nhar it-22 ta' Ġunju 1873 (7). Iżżewwiġha fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu u żewwiġhom il-kappillan Dun Ġann Marì Tabone. Omm l-għarusa kienet is-**Sinjura Carolina**, imwielda De Domenico. Carolina, taħbat proprju n-nanna tas-Surmast Carlo Diacono. Il-barka taż-żwieġ tahielhom Dun Pietru Pawl Cachia Abela, saċerdot li għamel isem fl-Istorja tal-Knisja Maltija: kien diplomatiku, kappillan, benefattur tal-knisja parrokkjali u rappreżentant tal-kleru fil-Kunsill tal-Gvern.

**Carlo Diacono fil-Gwiedi**

Nhar il-15 ta' Settembru 1874, twieled Gio Batta, iben Orazio, li allura semmieh għal missieru (8). Interessanti l-fatt li l-Familja Diacono kienet toqgħod fil-parti taż-Żejtun magħrufa bħala ***el Guiedi*** (Il-Gwiedi). Tajjeb li nfakkru li dan l-isem hu l-plural ta' l-isem ***Gudia***, li jfisser post fl-għoli. Forsi ftit jafu li dan hu isem komuni fil-Gżejjer Maltin. Dan ifisser ukoll li l-Familja ta' Orazio Diacono fl-1874 kienet għadha ma bdietx toqgħod fid-dar illum immarkata bil-bust ta' Carlo Diacono, viċin is-Salib kbir fil-pjazza llum magħrufa bħala Misraħ Girgor Bonici. **Nhar it-2 t'Awissu 1876, twieled Carolus Diacono, għal darb' oħra *ex Guiedi*** (9). Snin wara, l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele niżżel nota marġinali li tgħid li **dan Carolus iżżewweġ lil Maria Stella Cannataci** fis-17 ta' Novembru 1908. Il-lista taż-Żwieten tas-sena 1879 tgħidilna li f'din is-sena Orazio Diacono kien diġa' joqgħod bil-familja f'*Casa 18, Piazza Maggiore*. Fil-lista tal-1883 għandna ħaġa kurjuża: **ħdejn isem iċ-ċkejken Carlo**, li allura kellu 6 snin, **il-kappillan niżżel *in coro***. Tgħid dan ifisser li Carlo kien diġa' membru ta' xi kor tat-tfal fil-knisja parrokkjali?

Ta' min jgħid li t-tifel li tweldilhom nhar it-8 ta' Marzu 1910, is-Surmast Carlo Diacono u martu Maria Stella semmewh **Orazio**. Meta kiber dan Orazio Diacono sar perit u kien hu li ħejja l-pjanta tal-Bini Parrokkjali taż-Żejtun, viċin l-Oratorju. Kellu jkun il-**kjeriku Orazio Mangion**, li fl-1778 iżżewweġ fil-Gudja lill-Gudjana Maria Anna Cachia u sar in-nannu tal-mużiċista **Orazio Diacono - missier Carlo** - li ta bidu għal sensiela ta' rġiel magħrufa fil-qasam tal-mużika, in-negozju u l-arti. Din it-taħlita ta' familji mill-Gudja, Ħal Għaxaq u ż-Żejtun ħalliet frott li għadu jitgawda fi żminijietna. L-isem **Carlo Diacono, bin Orazio**, ser jibqa' għal dejjem imnaqqax fil-qlub tal-Maltin kollha li jħobbu l-mużika, li l-aktar titgawda fil-festi titulari ta' ħafna mill-parroċċi tagħna.

**Kan. Joe Abela, B.A. (Hons.), Lic.D., H.E.L.**

**Riferenzi**


1. *Status Animarum* Għaxaq, 1802
2. Arkivju Parrokkjali Gudja, Lib. Bapt. IV, f. 10
3. A.P. Għaxaq, Lib. Matr. X, f. 20
4. A.P. Żejtun, Lib. Bapt. XV, f. 74
5. Pietru Pawl Castagna, "Storja ta' Malta u Għawdex", Vol.I, p. 248
6. A.P.Ż. Lib. Def. XI, f. 66r
7. A.P.Ż. Lib. Matr. XV, f. 116
8. A.P.Ż. Lib. Bapt. XX, f. 66v
9. Idem f.91


**P.S.** L-aħħar biċċtejn xogħol tas-Surmast Carlo Diacono li ndaqqu fil-parroċċa tagħna kienu fis-sena 2000 meta fakkarna ċ-Ċinkwantenarju mid-Definizzjoni tad-Domma ta' l-Assunta. Fit-30 ta' Ottubru waqt l-Akkademja ndaqqet "Tra le Braccia" u fit-31 ta' Ottubru ndaqqet il-quddiesa hekk imsejħa "tat-Trombi" bħala għeluq ta' dawn il-festi.